CAUCHI, Paul D.

TIFCHIRA

F'MALTA U

TAD-DRIEGH

TA' L'APPÔSTLU

# SAN FRANGISC

26 TA' MEJJU



TAL MIGJA

GHAŬDEX

TAL GHAGEB

TA' L'INDI

# SAVERJU

2 TA' ĠUNJU

1924

U,H
B.148
C

P.B.16.20

# TIFCHIRA

TAL

MIGJA F'MALTA U GHAŬDEX

TAD-DRIEGH TAL GHAGEB

TA'

L'APPÔSTLU TA' L'INDI

# SAN FRANGISC SAVERJU

26 TA' MEJJU — 2 TA' ĠUNJU

1924



R. Ellis Phot.

SAN FRANGISC SAVERJU

# DRIEGĦ LI-MQADDES FRANĠISKU SAVERJU.

SUNETT.

*È una rivoluzione spirituale....*

PADRE FURCI.

Għal-fejn l-egħġubijiet? Hemm bżonn minn Driegħu
jarġa' joħroġ id-demm u il morda jfiequ?
Dawk ix-xmajjar ta' nies li ġrew fuq triequ
m'humiex, fost l-oħra, l-akbar għaġeb tiegħu?

Mibgħût mis-Sema biex nitħaddnu Miegħu,
irwieħna, mxewxa, fit-Twemmîn utiequ,
u fâr il jies li konna dlonk nixtiequ,
u trażżnu l-miċħudîn li qerqhom biegħu....

Jien rajt ma ġenbu f'Maqdes il-Għammiedi
ir-Rażûl tagħna, u smajtu jgħidlu hieni:
Âra x'iroddu li-mbierkîn uliedi!

Għal-kemm dort bliet mil l-aktar imsemmija
u issa tmûr tgħammar ħdejn id-Dawl Ewlieni,
ma sibtx u ma ssîbx Wemna bħall maltija!

G. MUSCAT-AZZOPARDI

LID-DRIEGĦ TA'

# SAN FRANĠISKU SAVERJU

## WARA Ż-ŻJARA LIL MALTA

26 TA' MEJJU—2 TA' ĠUNJU 1924

La darba l-Mewt ħakmitek,
Minn fejn il ħajja fik?
Iżd'inti ħaj: taħilfu
Malta li emnet bik.

Niexef, magħluq ġo żġieġa,
Għadmek mekul biż-żmien,
Għaddejt, u ġiet il barka
U s-saħħa kullimkien.

Għaddejt, qajjimt bħal riefnu
Fil qlub tagħna l-Maltin:
Tqanqal kulħadd: sogħbiena
Ġew jibku l-midinbin

F'riġlejn min qatt ma xtaqu
Għal ħafna snin, u ntlew
Bi ħrara ġdida, u l-kewkba
Ta' ħajjithom fettxew.

Ġewwa l-għajnejn mitfija
Xegħel il ġmiel tas-sebħ;
Nies bla tama mifluġa
Għannew l-għanja tar-rebħ;

U min ma sama' leħen
Għaraf id-daqq tal kliem;
Ilsna marbuta nħallu
F'kelmit il ħajr u s-sliem.

U xejn ma qata' r-riefnu
Sa kemm bqajt fostna 'ddur:
Biex tbusek ġriet bil qtajja
In-nies mill eħrex bur,

Mingħajr ma għamel bihom
In-ngħas, il għatx, il ġuħ:
Raqad il jedd tal ġisem
F'dak il hena tar-ruħ.

Imbagħd, meta fid-difa
Ta' lejl l-iżjed sabiħ,
Mogħni bid-dawl tal kwiekeb,
Ħiemed bla żiffa riħ,

Fuq baħar donnu mera
Qajla qajla sifirt,
Sa kemm bejn mewġ u sema
Tbigħedt u xejn ma dhirt,

Baqgħet warajk tixxennaq
Bil ħarsa, bit-tnegħid,
Baqgħet warajk tittajjar
Bil ħsieb fil bgħid.... fil bgħid.

La darba l-Mewt ħakmitek,
Minn fejn il ħajja fik?
Iżd'inti ħaj: taħilfu
Malta li fieqet bik.

7-6-24 DUN KARM



ID SAN FRANGISC SAVERJU

# IL GISEM TA' SAN FRANGISC SAVERJU

## F'GOÄ

Goä, belt ta' l'Indji, il ħabta li miet San Frangisc Saverju, chienet belt ta' dŭar mitejn u ħamsa u għoxrin elf ruħ, nies ta' cull gens, imħaltin flimchien u jgħammru f'għoxrin elf dar tal gebel u vilel mill'isbaħ; belt miżgħuda bi cbarat, missjunari, patrijiet, irsira u suldati; belt tal cummerċ, fejn iġ-ġfien deħlin u ħergin bil mijiet ma' tul is-sena u cull fejn tħares tlellix ta' deheb u ħaririjiet; belt li chien fieha actar minn mija bejn cnejjes, cunventi u schejjel, b' Viċirè u Arciskof... U'l-lum x'sar minnha? Il għażż, ix-xalar, il ħala, il mard, id-deni, il ħajja il ħażina u'l gvern olandiż gebuha fix-xejn! Minn dac il għana collu ma bakgħux għajr erba' cnejjes cbar, ftit oħra żgħar, u siġar!

* * *

Il musuleŭ kiegħed f'nofs il cnisja, bisŭit l'artal maġġur, seŭseŭ fuk it-taraġ tal presbiterju, u't-tebut, tal għuda, mdaŭŭar biż-żgieġ, tliet tixbar il fuk mill kiegħa ta' l'art. Patri Gille, giżŭita, mar iżur il gisem imkaddes ta' San Frangisc Saverju, u aħna haŭn sejrin ingħidu li ra hu, chif insibuh fil ctieb li ħareġ, bħal sa sena, fuk *Il Kabar ta' Saverju.*

San Frangisc Saverju miet f'Sancjan, bisŭit ix-xatt tac-Cina, it-2 ta' Dicembru tassena 1552, u, billi il gifen li miegħu chien siefer chellu jiddaŭŭar ma jarġa' l'ura l'Indja u iġorru miegħu, daŭru gisem il Kaddis bil gir, biex jiecollu laħmu u iħalli minnu il għadam biss. Iżda, meta, nhar is-17 ta' Frar (xahrejn u nofs ŭara), fetħu it-tebut u ŭarbu il gir, sabu gisem Frangiscu Saverju sħieħ, artab, bħallichiecu ta' ŭieħed rieked. Stagħġbu mhux ftit; messeŭh b'xafra il fuk mir-rcobtu u ħareġ iddemm!

Harġu it-tebut minn geŭŭa il kabar, għabbeŭh, bil gir chif chien, fuk il gifen u telku lejn Malacca, fejn ŭaslu it-22 ta' Marzu 1553. Chif ŭaslu hemm, il kassisin mibgħutin mill Vigarju, li mar magħhom, fetħu it-tebut u sabu il gisem sħieħ u b'leŭnu, kisu ħaj! Ŭassluh purcissjoni il cnisja, sarlu il kuddies, u imbgħad neħħeŭh mit-tebut u difnuh f'bieb is-sagristija, chif chienu jidfnu il mejtin l' oħra collha. Billi il kabar inzerta kasir,

għafsuh l'isfel, u bil għafsa tar id-demm bis-saħħa minn għonku. Għatteūh bit-trab u telkuh.

Ħames xhur ūara fetħu bil moħbi il kabar, u reġgħu sabu dac il gisem sħieħ u donnu ta' bniedem rieked f'nagħsa ħelūa, u'l fūieħa, li ħarget minnu, ħūejjeġ tal għageb. F'genbu chellu id-demm, billi gebla daħlitlu fil-laħam, huma u jidfnuh, u mnieħru chien imfattar bil għafis; il mactur abjad, li bih chienu għatteūlu ħiċċu, chien imxarrab bid-demm, li chien donnu għadu chemm ħareġ, u'l pjaneta it-trab ma għamilx bieha!

Minn Malacca ħadu f' Goä bil moħbi il gisem imkaddes, fejn ūassluh fil 15 ta' Marzu 1554. Sentejn ūara mar jarah Côsmu Saraiva, tabib tal Vicirè, u sabu sħieħ, għax sa ħariġlu id-demm minn żakku; u fuk hecc ħalla bil mictub da'c-certificat:

«Jien, it-tabib Côsmu Saraiva, tabib tal Vicirè, nista' nixhed li il gisem ta' Patri Frangisc jinsab għadu sħieħ, u jien ħejtu bir-rekka collha, u minn fuk s'isfel, biex nara jecc imsarnu jinsabux fih u jecc ibbalzmaūhx, u sibt li xejn ħadd ma għamel biex dan il gisem ma jitħassarx. Sibtlu ħofra f'genbu ix-xellug, il fuk minn kalbu, u, billi żeūg patrijiet giżūiti, fuk li tlabthom jien, daħħlu subgħajhom geūūa fieha, ħareġ id-demm minnha, u jien xammejtu u sibtu bla rieħa. Riġlejh u gismu collu chienu imlaħħmin; u dan ma satax isir b'ebda duūa, la darba hu miet sena u nofs ilu u baka' midfun żmien sena. Dan għamiltu chif riedu minni, u naħlef li hu bħalma kiegħed nixhdu il-lum, it-18 ta' Novembru 1556».

U 'l Vigarju u Amministratur Appostôlcu ta' Goä għamel m'n idejh ucoll:

«Jien Ambroġ Ribeiro, Vigarju Generali u Amministratur tad-Djocesi ta' Goä u artijiet oħra ta' l'Indja, nagħmel m'n idejja u naħlef li, biex nokgħod għalli talab minni il Vicirè Don Alfons Noronha, mort nara il gisem fil Culleġġ, u, meta tlabt lir-Rettur iħallini narah, xegħlu żeūġ xemgħat, fetħuli it-tebut, bejn id-disagħ u'l għaxra ta' filgħodu, u jien ħarist lejn dan il gisem żmien tūil u messejtlu riġlejh sa sakajh u dirgħajh, u, ūara li messejtu collu, naħlef li sibt il-laħam tiegħu b'leūnu u sħieħ, bla xejn ma tħassar, u, tista' tgħid, dan il gisem collu artab. Fuk genbu ix-xellug sibtlu katgħa tūila, dūar sabagħ, u donnha ta' xiħaġa li ūaddbuha fuku, u madūarha lmaħt bħal tebgħa, li ma setgħetx tcun ħlief demm magħkud u isūed imħabba fiż-żmien li għadda minn fuku.

F'żakku, in-naħħa ix-xellughija, sibt tokba żgħira, li geūūa fieha daħħalt idi, safejn ilħakt, u messejt xiħaġa, li naħseb li chienu imsaren, li nixfu biż-żmien li għadda mindu difnuh. U ankas xammejt ebda rieħa, meta ressakt ūiċċi miegħu. U, fuk hecc, tlabt ll'abbati, li chelli miegħi, biex iniżżel li għidtlu u li taħtu

jien nagħmel m'n idejja il-lum, l'1 ta' Dicembru 1556».

* * *

Is-sena 1560, il gisem imkaddes, billi il cnisja chellha tinħatt, ħaduh fil cnisja tan-novizzjat tal Gizüiti; u actar il kuddiem fi cnisja oħra tagħhom, sachemm, is-sena 1614, b'ôrdni tal Papa Paülu il V, katgħu minnu dic l'Id imkaddsa ( *li chellna ix-xorti giet iżżurna Malta u Għaüdex mis-26 ta' Mejju sat-2 ta' Ġunju* ) biex ħaduha Ruma, fil üakt li il bkija tad-driegħ bagħtuh fil Culleġġ tagħhom ta' Macaü (Cina) u bnadi oħra. U, üakt li chienu jaktgħu di'r-Reliqüja, id-demm tar u ġabruh f'vażett tal fidda, u xugaman ix-xarrab għasra.

* * *

Is-sena 1675, it-tabib Fryer isemmi li ta' cull sena chienu jicxfu it-tebut u iħallu fil cnisja lil cuiħadd jara il gisem imkaddes, li chellu dejjem leünu bħal ta' min hu ħajj !

Għoxrin sena üara (1695), Gemelli Careri mar sa Goä iżur il gisem ta' San Frangisc, u ħalla bil mictub li gej : « Mindu nkata' id-driegħ b'ôrdni tal Papa, il bkija tal gisem beda jitħassar, għax bħalchiecu ħass in-nukkas ta' xiħaġa; u fuk hecc il Giżüiti minn disa' snin il haün ma għadhomx juruh ħlief lill Vicirè u lil xi cbarat oħra. U, billi gejt naf b'dan, hecc chif üasalt Goä, mort nitlob lill Vicirè biex jaklagħli is-sensja mill Provincjal; u, billi dan ma riedx jiċħad lill Vicirè li talbu, daħħalni narah il għada, bil cnisja magħluka, u urieni da' l gisem imkaddes, liebes bis-suttana, li ibiddlulu ta' cull sena ».

Imma J.N. Fonseca, meta chiteb fuk Goä, ma kabilx malli kal Careri u baka' iżomm sħieħ li ta' cull sena, sa l'1755 ( *jigifieri mattmenin sen'oħra* ), il Giżüiti chienu jesponu ir-Reliqüja fil cnisja tagħhom għall kima ta' l' insara, sachemm il pellegrini bdeü imissu ir-Reliqüja; mbgħad ma ħalleüx actar jinfetaħ it-tebut mingħajr is-sensja tas-Sultan (*tal Portugall*).

* * *

Reġgħu il kuddiem, f'Jannar ta' l' 1782, il Ħachem ta' Goä u l'Iskof marru flimchien jaraü il gisem imkaddes ta' San Frangiscu Saverju u sabuh, chif ħalla bil mictub J. Godinho: « ir-ras għadha sħieħa u bix-xagħar; üiċċu mixrub, imma mgħotti bil gilda; üiednejh it-tnejn sħaħ u snienu jidhru collha, barra minn üaħda; driegħu u idu ix-xellughija chienu mixrubin, iżda mgħottijin bil gilda; il bkija chien sħieħ, għad li bla msaren, chif sata' iħoss b'idejh l'Arciskof, meta għaddiehomlu minn taħt is-suttana; cuxtejh mixrubin, imma mgħottijin bil gilda u sakajh ucoll; il vini jidhru; is-süabagħ ta' sakajh b'dufrejhom, biss üieħed mis-süabagħ ta' sieku il-lemenija niekes ».

Meta reġġħu raŭh, is-sena 1859, l' akŭa tobba ta' Goä, sabu « ir-ras bix-xagħar, għad li ftit, in-naħħa tal-iemin u xejn in-naħħa ix-xellughija. Ŭiċċu micsi b'gilda seŭda u nie-xfa ». Mill bkija, bejn ŭieħed u ieħor, chif chienu sabuh tmenin sena kabel, ħlief li neksin żeŭġ tisŭabagħ oħra ta' sakajh.

* * *

L'aħħar li raŭh is-sena 1910, u mbgħad fl'1922. Imm'issa ir-ras sabuha kegħda tit-farrac; driegħu u riġlejh għadhom li chienu bħal mitejn sena ilu, bħar-Reliqŭja ta' Idu.

# IL MIGJA FOSTNA

## T'ID SAN FRANGISC SAVERJU

Meta, fit-8 ta' Mejju, ir-Ragħaj maħbub tagħna ħareġ dic il Pasturali, biex iħeggiġna nilkgħu chif tixirkilha din ir-Reliqŭja ta' l'Appôstlu ta' l'Indji, minn katt chien jobsor bil kaŭma tal fidi, li xegħlet kalb il Maltin bl'imħabba safja li bieha lakgħu lil Paŭlu, meta il meŭġ xeħtu fuk il blat tal Mistra, dŭar id-dsatax il mitt sena ilu, daŭc missierijietna, li ir-Rumani sejħulhom *bârbri*, ŭakt li San Ġŭann Griżôstmu faħħarhom għar-rġulija u id-dehen tagħhom ? Iva, b'ħeġġa li ma bħalha lakgħu issa il Maltin dic l'Id imkaddsa, li bejn fl'Indi u il Ġappun għammdet miljun u mitejn elf ruħ u daħħlithom fi ħdan il Cnisja ta' Gesù Cristu; b'dic il ħeġġa, li b'kalbu collha mar ifaħħar, fi ctieb li ħareġ, Mon-sinjur Emard, Iskof ta' Valleyfield, ŭara li xehed, ŭakt il Cungress Eucarîstcu f'Malta, ħdax il sena ilu (1913), l'imħabba tal Maltin lejn Alla magħmul Bniedem għall'imħabba tal bnedmin. Iva, għaliex Malta bakgħet dejjem marbuta mat-tŭemmin in-nisrani « li f'ruħha nissel San Paŭl Missierna, li minnu l'eŭŭel ma tgħalmet it-tagħlim in-nisrani u li miegħu dan it-tagħlim bakgħet dejjem iżżomm sħieħ, sa minn daŭc iż-żmenijiet, għad li għaddiet taħt il ħacma ta' bosta ġnus u sa taħt il madmad



Photo by The Grand Studio

**JASAL IL-*LJUBLJANA* B'ID SAN FRANGISC SAVERJU**

tal Misilmin. Malta, iva, bakgħet minn dejjem b'seba' għainejn, bħala għassa fuk l'isŭar, biex ħadd minn idejha ma jaħtfilha l'istandard tal fidi, seŭ chif għarfet tŭakkaf f'nofs ta' triek il Misilmin, b'feheмthom collha li jixħtu taħt riġlejhom u jassru collha chemm hi l'Eŭropa. Iva, din Malta żammet minn dejjem ma' Cristu, mal Cnisja, mal Papa, bla katt ma ittebbgħet b'ereżiji jeŭ b'xîżmi, għad li drabi ħtiegilha tgħix taħt il ħacma ta' nies ta' fehmiet il maklub tagħha... Naf ingħid li, minn żmien San Paŭl sa żmien l'Ôrdni, ħŭejjeġ cbar x'chellha Malta ta' Appôstli, ta' mârtri u nies mill'akŭa għall ħila tagħhom, u li gensha għexu dejjem ta' nsara u ta' nsara tasseŭ ». (*)

U seŭseŭ meta bdejna «naraŭhom lill għedeŭŭa tat-Tŭemmin imkaddes tagħna ifittxu actar milli dari, seŭ bil chelma u bil chitba u b'chemm għodod jiġu f'idejhom, li jekirdulna il Fidi tagħna », chif iŭissina l'Iskof fil Pasturali tiegħu, fegget bħal cheŭcba minn Ruma, is-26 ta' Mejju, fis-7 ta' filgħodu, u ir-Ragħaj tagħna, il cbarat collha tal Cnisja u tal Ħacma u il Cumitat tal Festi u rassa ta' eluf ta' nies mill'ibliet u ir-rħula collha ta' Malta ngemgħu id-Dŭana u fuk is-sŭar u fit-trekat tal Belt, kalbhom mixgħula bil fidi, b'xeŭka safja li ikimu u ibusu din ir-Reliqŭja ta' l'Appôstlu imkaddes ta' l'Indi, ta' San Frangisc Saverju. Isthajjiltu San Paŭl Missierna bagħtilna dan il Kaddis, biex ifaccarna fit-tagħlim tiegħu, fl'imħabba tiegħu lejna: Mur, kallu, mur sa Malta tiegħi; għidilhom lil daŭc uliedi li minn għalija katt ma tlakthom minn taħt għajnejja; għidilhom chemm inħobbhom; ŭissiehom ma jatux ŭieden lil daŭc li iridu chiecu ibegħduhom mit-triek tas-seŭŭa; ħeġġiġhom arġa' fil fidi, ŭettakhom fit-tŭemmin in-nisrani, li ma icadix il bruda tagħmel biehom. Mur, iva, ħudha mal għedeŭŭa tar-ruħ tagħhom u arġa' xerred il barca t'Alla fuk dic il gżira il għażiża.

Mhux ta' b'xejn il migja fostna ta' din ir-Reliqŭja mkaddsa! Min katt jista' jinsa daŭc it-tmien tijiem, dic il Gimgħa, li tibka' tissemma ta' San Frangisc Saverju? Għad ulied uliedna isemmu bl' akŭa mħabba żmien il Migja t'Id San Frangisc Saverju f'Malta! Min katt chellu moħħu f'ħaġ'oħra daŭc it-tmien tijiem? Culfejn laħket marret, fl'ibliet u rħula ta' Malta, culfejn ittenneŭha, mhux cullimchien, lejl u nhar, fil cnejjes u it-torok, in-nies rassa cbira u ħeġġa ŭaħda u kalb ŭaħda? Inhejju ruħna, kalilna l'Iskof fil Pasturali, biex nilkgħu chif xierak u bl'akŭa kima din il ħniena minn t'Alla, din ir-Reliqŭja mkaddsa; nitħeġġ'ġu bl'imħabba t'Alla, biex, hecc chif fejn għaddiet minn artijet oħra din ir-Reliqŭja, incunu ucoll aħna nistgħu nixhdu il għeġu-

---

(*) Mill Ctieb *«Au Congrès Eucharistique de Malte»* ta' l'Iskof Emard ta' Valleyfield (Canada) 1913

bijiet il cbar li għamlet, aħna il Maltin incunu ucoll nistgħu nigħdu: «Aħna ucoll rajniehom daŭn il għeġubijiet tal kaŭŭa t'Alla». U aħna rajniehom tabilħakk: rajnieha b'għajnejna dic is-Soru tal Fkar, li, ŭara ħdax il xahar ma tistax tiekal imħabba f'marda fis-sinsla ta' daharha, li ma setgħetx tfiek minnha, kamet dac il ħin, hecc chif l'Iskof Mons. Portelli taha f'idejha tbus Id San Frangisc Saverju u hi besitha b'kaŭŭa ta' fidi sħieħa li għandha tfiek; rajnieha dic ix-xebba bil crozzi, li chienet ma' genbha, titlak, fiit ŭara, timxi mingħajrhom; rajniehom daŭc il magħtubin ta' l'Imgħieret ikumu minn kiegħ ta' sodda u jimxu, ifaħħru il ħniena t'Alla u il Kaddisin tiegħu; rajnieha dic ix-xebba ta' l'Istitut ta' Cini titlak timxi ŭara is-snin li chienet ilha tixcaxcar fuk siġġu bir-roti; u tafu ucoll b'dac il marid ta' l'Isptar ta' Bighi, li kam minn soddtu mfejjak ŭara iż-żjara tar-Reliqŭja, u b'xi tfal li ħadu saħħithom. Iva, aħna ucoll chellna din ix-xorti li naraŭhom daŭn il għeġubijiet tas-setgħa u il ħniena t'Alla; iżda bosta actar mn'hecc aħna rajna: rajna, għaliex semmeŭ huma, daŭc l'erŭieħ, li għal snin il cbar chienu għexu fil bruda jeŭ fid-dnub, jersku lejn Alla u ibiercu il ħniena tiegħu. U lil min ma għamlitx gid fir-ruħ din il Migja ta l'Id imkaddsa ta' San Frangisc Saverju? Mhux culħadd ħass ruħu mixgħula bl'imħabba t'Alla; mhux culħadd ħariġlu id-dmugħ, imkar ma jafx il għaliex? Għaliex chien culħadd iħoss gibda cbira lejha, b'xeŭka cbira li jiġri ŭarajha din ir-Reliqŭja, u donnu ma chienx biż-żejjed ibusha darba, tnejn, imma irid chiecu jarġa' iressak xoftejh lejha u imiss ġbinu magħha, bħalma jista' jixhdilna is-Surgent Agius tal Pulizija, li baka' sa' l'aħħar xejn ma telakha? Għaliex l'Indjani tal Belt ingemgħu għand is-Sur Ellis jatuha kima, ŭara li riedu iżejjnulu it-taraġ tad-dar tiegħu bit-tŭapet u il ħaririjiet mill'ifjen mnejn chellha tgħaddi Id San Frangisc Saverju, l'Appôstlu tagħhom, għadilli ankas huma nsara? Ftacru tgħid fil gid li għamel lil missierijiethom, is-sajjeda tal ġaŭhar ta' Paravas, meta ħelishom minn daŭc li chienu jaħcmu fukhom bla ħniena u mill ħallelin tal baħar? Għaliex din il gimgħa, li tibka' tissemma u li messha gimgħa mogħtija għall'Elezzjoni, il partiti collha donnhom inseŭ il pulîtca, biex kalb ŭaħda ngemgħu dŭar din ir-Reliqŭja mkaddsa? U minn baka' ma resakx ikerr u jitkarben daŭn it-tmien tijiem bi ħrara li katt bħalha mill Cungress Eŭcarîstcu il haŭn? X' chien li nakas id-dagħa u, tista' tgħid, ma smajniex b'serk u ħŭejjeġ oħra, ŭakt li tal Pulizija għajjenin mejta iridu jilħku mar-rassa tan-nies mitlufin ŭara din l'Id, li iggib bil barca tagħha il faraġ f'kalb il bnedmin u tiġbed l'erŭieħ lejn il ħniena t'Alla? Daŭc li kraŭ il Ħajja ta' San Frangisc Saverju, li chien chiteb bil malti, snin ilu,



Photo by The Grand Studio

L'ISBARC TA' L'ID TA' SAN FRANGISC SAVERJU

il Cappillan Dun Mâbbli Sisner, u dic l'oħra li ħareġ ŭarajha is-sur Fons, naħseb li jiftacru li culħejn chien jersak Patri Frangiscu Saverju culħadd chien iħossu fil hena; u dan il Kaddis chien imur iżur lil culħadd, bil fehma li jagħmel il gid tar-ruħ, bħal meta stieden ruħu b'idejh għand ŭieħed Portughiż, biex imbgħad dan raġa' riedu imur jecol għandu u Patri Frangisc, x'ħin daħal għandu, staksieh jecc *oħtu* chenitx tħossha tajjeb, u l' ieħor fehmu u biddel ħajjtu; u mhux *oħt* ŭaħda biss chellu ! Jeŭ meta chien jitħallat mal baħrin, icunu jilagħbu u jidgħu, u Patri Frangisc iħajjarhom jibkgħu jilagħbu biex jgħaddu siegħa żmien, imma ifehemhom li id-dagħa m'għandhomx x'iriduh, u daŭc jisimgħu minnu, jaraŭh hecc dħuli u minn tagħna. U it-tfal jiġru ŭarajh, għax jingibdu għalieh, u hu ibericom u jifraħ biehom u huma jiġbduh lejn ommijiethom. Imma min tħabat daksu San Frangisc Saverju ħlief Missierna San Paŭl ? Mill għaxar snin tal missjoni tiegħu fl'Indi, mindu telak minn Lisbona sa meŭtu fuk il gżira ta' Sancjan, ikisu li għadda b'collox sentejn u nofs fuk il baħar jiggiera minn art għal oħra, jitħabat u jgħallem u jgħammed ! Ra il għarka chemm il darba bħal San Paŭl ; bħalu riedu jekirduh mid-dinja, għax ix-xitan ma chienx jaħmlu għall gid li chien jagħmel, għax, imkar fuk il baħar, jgħallem u ifejjak u jgħammed.

Conna ilna ħafna nsemmu, u nakraŭ ucoll, fuk din l'Id tal għageb, għaliex damet tiġri sena sħieħa minn banda għal oħra fi Spanja, fi Franza, fl'Italja, fi Skallija, bla ma teħda katt mill għeġubijiet tagħha, li kanklu cullimchien lil minn jemmen u lil min ma jemminx. Sa fl'aħħar ŭaslet l'aħbar, li chellha tigi haŭn Malta ucoll, kabel ma tarġa' tmur Ruma, għax talbuha ħafna Mons. Iskof, il Patrijiet Giżŭiti ta' fostna u xi oħrajn, l'iżjed fost il Cleru tagħna. L' aħbar xterdet, bħal berka, u Mons. Iskof minnufih għakkad Cumitat ta' l'aħjar nies, bi President Mons. Canôncu Dun Paŭl Galea, ħalli jieħu ħsieb għal meħtieġ collu biex isiru festi lil din l'Id chif jixirku lilha u lil Malta nisranija, bint l'Appôstlu San Paŭl, mill'actar imħeġġ'ġa u msieddka fil Fidi. U nigħduh minn issa : dan il Cumitat ħadem bil moħħ u bil kalb u'l festi ta' Malta, nigħduh bla biża', għaddeŭ lil ta' cullimchien minn collox. Nitchellmu fukhom u nieħdu ħaġa ħaġa.

* * *

Mons. Iskof, bi ħsieb kaddis u ta' Misssier tasseŭ ta' ruħna, beda biex ħareġ Pasturali sabiħa ħafna fuk il migja ta' din l'Id u talab li culħadd ihejji ruħu seŭŭa, u ôrdna għalhecc li issir Missjoni ta' tliet tijiem, il gimgħa ta' kabel, fil Parrocci u f'xi cnejjes oħra. Il Missjoni saret seŭŭa u għamlet gid mill'actar,

għax in-nies ŭieġbet bil kalb cullimchien għassejħa tar-Ragħaj. San Frangisc Saverju beda jaħdem u inħass fostna kabel ma ŭasal.

* * *

Bħalma il Portughiżi u l'Indjani ngemgħu ixxatt ta' Malacca, x'ħin daħal il gifen li gieb fuku il gisem ta' San Frangisc Saverju, hecc Malta bi ħġarha sebħet il port fuk id-dgħajjes, id-Dŭana, fuk l'isŭar u it-torok tal Belt nhar it-Tnejn, 26 minn Mejju, biex tilka' ir-Reliqŭja ta' Id dan il Kaddis minn abbord il-*Lubjana*, u culħadd ried icun l'eŭŭel jaraha. Il vapur u id-Dŭana mżejnin collha bnadar u ŭard, il kniepel tal cnejjes collha idokku bil cbir u in-nies iċċapċap idejha, chif l'Iskof, b'miegħu l'Iskof Portelli u il Cumitat, niżżilha l'art. Fid-Dŭana, is-suldati tar-Rîġment Malti għamlulha il *presentarms*, u l'Iskof bericom bir-Reliqŭja; u, ŭakt li li *Schola Cantorum* ta' San Gâcbu chienet tcanta l'innu *Iste Confessor*, l'Iskof bierec bieha lil culħadd, Ministri, Munsinjuri, Canônci, Cappillani, Kassisin u Patrijiet, Imħallfin, Magistrati, Cônslijiet u cbarat oħra. Mbgħad l'Iskof mal Provincjal tal Giżŭiti, Patri Liborju Rubino, li ŭassal Malta ir-Reliqŭja mkaddsa, daħal f'carrozza b'erba' żŭiemel, li mexxeŭ ŭarajha lejn il Belt, minn *Spencer Monument*, dŭar 75 *motor*, li, barra minn ftit micrijin, chienu b'xejn, għax bagħtuhom bonagrazzja tagħhom is-sinjuri. Chien fiehom x'tara tasseŭ! Nies cullimchien, ma' tul it-triek collha sal cnisja tal Giżŭiti, u tifraħ u tibchi u tħabbat idejha u tixħet il ŭard mill gallarijiet u'l bjut. Hemmec l'eluf biesuha, sachemm ŭaslu l'Iskof u il Canônci u ħaduha purcissjoni San Ġŭann, fejn fil bieb għamlu il *presentarms* is-suldati ta' l'Artillerija maltija. Il purcissjoni għaddiet bi tbatija cbira minn Strada Rjali sa ŭaslet San Ġŭann, li chien ucoll marsus bin-nies; ir-Reliqŭja imkaddsa chienet f'idejn l'Iskof, li ta' sicŭit chien ibierec bieha, u in-nies iċapċpu idejhom u il kniepel tal cnejjes idokku.

Ŭara il cant ta' l'innu *Iste Confessor* u l'Antîfna tal Kaddis, in-nies resket bil mijiet tbus ir-Reliqŭja mkaddsa; il ħin dieħel u il beŭs ta' dic l'Id m'hemmx li jakta'.

* * *

Nhar it-Tlieta, is-27 ta' Mejju, saru pellegrinaggi cbar mir-Rabat, il Mosta u Ħad-Dingli għall Cattidral, fejn ir-Reliqŭja mkaddsa ħaduha purcissjoni mill Cnisja ta' Santu Ŭistin; mill għaxra il kuddiem ħaduha fli Sptarijiet ta' l'Imdina u ir-Rabat. Nhar l'Ergħa, it-28 ta' Mejju, ħaduha fil Culleggjata ta' Birchircara, fejn marru pellegrinaggi minn Ħal-Lija, Ħ'Attard u Ħal Balzan. Nhar il Ħamis, Labsi, fis-sebgħa u nofs Patri Rubino kaddes fil cnisja tal Culleġġ ta' Birchircara għal daŭc collha li tgħallmu Malta u Għaŭdex fil culleggi tal Giżŭiti, li bosta



Photo by The Grand Studio

ID-DAHLA TA' ID SAN FRANGISC SAVERJU FIL BELT

minnhom huma patrijiet u kassisin, fosthom monsinjuri, mħallfin, fosthom il President tal Krati, avucati, tobba u procuraturi legali, li ilcoll kabsilhom id-dmugħ jisimgħu il fervorin u resku jitkarbnu.

* * *

Mis-Sibt filgħaxija sal Ħadd filgħaxija ir-Reliqŭja chienet San Ġŭann, fejn li studenti ta' l'Università u tal-Liceŭ u it-tfal ta' l'Ischejjel tal Gvern, madŭar it-tliet telef, u ta' l'ischejjel l'oħra marru ikimuha. Fejn laħku, il Patrijiet Giżuiti ħadu bil *motor* ir-Reliqŭja fil Monasteri, l'Isptarijiet, l'Imghieret, għand il-Lebbrużi, l'Abbatiji, l'Istituti, il Ħabs, il Parrocci u għand xi familji, li għandhom ingemgħu xi morda ibusu ir-Reliqŭja, għaliex culħadd għan ruħu mill'aħjar biex jakta' xeŭktu b'għaxka cbira tar-ruħ. Oh b'liema kalb, b'liema ħrara il morda chienu ibusu ir-Reliqŭja mkaddsa u jitolbu kuddiemha biex San Frangisc Saverju jaklagħlhom minn għand Alla l'imbierec il ħniena li ifieku minn cull xorta ta' mard, l'eŭŭel tar-ruħ, imbgħad tal gisem ! X'ħeġġa cbira tal fidi ! Alla biss jaf il gid li sar fl'erŭieħ !

* * *

X'ingħidu issa għall Kuddiesa ta aŭl il-lejl l'ı ta' Ġunju, f'San Ġŭann ? Kaddisha Mons. Iskof Portelli. Dic rassa ta' nies! għax mill bliet u rħula collha geŭ (minn tas-Sliema, biss ma' l'elfejn ruħ) biex jitkarbnu u jitolbu ħniena lil Alla għaliehom in-nfushom, għal uliedhom, għal krabathom. Sas-sagħtejn baka' sejjer it-Tkarbin, għad li tnax il kassis chienu iduru mal cnisja ikarbnu. Il mijiet u il mijiet chellhom jibkgħu barra, fit-triek ta' bisŭit San Ġŭann, fuk il ŭesgħa ta' fejn hemm il għajn fi Strada Rjali, fil curituri, jeŭ fis-sagristija ta' San Ġŭann, u sa fit-triek in-nies chienet tersak tkerr. F'San Ġŭann biss, dac il-lejl imkaddes, tkarbnu dŭar it-tliettax il elf ruħ ! Dan barra milli fil cnejjes collha ta' Malta in-nies resket titkarben bl'eluf

Mhux ta' xejn din iż-żjara f'Malta tar-Reliqŭja ta' San Frangisc Saverju, u jixhduh, mhux biss il għadd bla tarf tan-nies li resku għas-Sagramenti, daks chemm il ġabra u il ħrara li bieha chienu mixgħula.

* * *

Il Ħadd, l'ı ta' Ġunju, fis-sitta ta' filgħaxija, purcissjoni bir-Reliqŭja mkaddsa telket minn San Ġŭann għall Parroċċa tal Furjana, mnjen reġgħet għal San Ġŭann. L'Id ta' San Frangisc Saverju tellgħuha fuk *lorry* imżejjen bl'ifjen ħaririjiet u tŭapet, li silfu minn rajhom l'Indjani, u ħdejha kagħdu Patri Furci u Patri Preziosi. Tfal ta' Istituti, Xirchiet bl'istandardi tagħhom, il Kassisin tal Missjoni iż-Żgħira u il Cbira, Fratellanzi, Patrijiet ta' l'Ôrdnijiet collha, is-Siminaristi, il Giżŭiti, bosta Kassisin, il Culleggjata ta' l'Isla, il Capîtlu tal Cattidral,

liebes il pjaneta u il mitra, b'madŭarhom l'istudenti ta' l'Universita' lebsin il beritta tagħhom, għamlu purcissjoni li bħalha ma chienet saret katt. L'Iskof mexa ŭara *il-lorry*, u ŭarajh li *Schola Cantorum* ta' San Ġâcbu, li saħħret bil cant tagħha lil culħadd, imbgħad il Cumitat u l'Onorati. Malta giet bi ħġara taraha, imma katt il Pulizija ma laħket dmirha daks dic in-nhar biex żammet in-nies. Ma chenitx din ħaġa ħafifa għal daŭc l'eluf u l'eluf ta' nies, li min ma rax, ma jistax jobsorhom. Ftit il fuk mill Cnisja tal Furjana, l'Iskof tala' fuk *il-lorry* u, ŭara li tcanta it-*Te Deum*, bierec bir-Reliqŭja imkaddsa dac il pôpln collu, ŭiċċu fl'art b'kima lejjha. It-torok, mnejn għaddiet il purcissjoni, chienu mżejnin b'damasc u ħaririjiet imdendla mill gallarijiet, mit-tŭieki, li chienu ħuggieġa ŭaħda, u l'art collha ŭard u ŭard minn cull leŭn nieżel bħax-xita minn cullimchien għal fuk ir-Reliqŭja. Minn geŭŭa il casin il ġdid ta' La Vallette il Banda dakket salut. Daks dic il-lejla u il-lejl ta' kabel katt ma giebet ruħha hecc tajjeb il cotra bla tarf tasseŭ tan-nies li ngemgħu fuk it-torok u il fosos jaraŭ il purcissjoni u ifaħħru lil Alla fil Kaddisin tiegħu.

*
* *

Il Cumitat tal Festi, it-Tnejn, telak mill Belt, ħabta ta' l'erbgħa u nofs ta' ŭara nofs in-nhar, għall Marfa fuk *motors*, mnejn richeb fuk il *Wembley*, li ħadhom l'Imġarr ta' Għaŭdex, biex iŭasslu Malta mal *Golly* ir-Reliqŭja mkaddsa sa fuk *il-Lubjana*, li chellha titlak bieha fid-disgħa ta' bil-lejl lejn Skallija. Il pont tal *Golly* daŭŭruh bil bnadar u il palm u il ŭard u għamluh cappella, u fuk altar tkegħdet ir-Reliqŭja. Il vapur chien mimli bin-nies, li geŭ minn Malta biex sa l'aħħar jibkgħu mar-Reliqŭja. It-talb bil ħrara abbord, in-nies tgħid l'użarju u tbus ir-Reliqŭja u tmiss magħha il curuni u is-santi ħŭejjeġ li chienu ikankluk u joħorġulec id-dmugħ. Il *Wembley* baka' gej ŭara il *Golly* u, x'ħin ŭaslu bisŭit id-Dragunara, l'Iskof mal Marchiż Scicluna, fuk dgħajsa bil mutur, ŭasslu għal xi żmien il vapur lejn id-daħla tal port il cbir.

* * *

Haŭn issa ma ninkalgħux ingħidu li ġara. Min katt jista' jgħid x'ħass f'kalbu jeŭ x'ra b'għajnejh? Id-djar u is-sŭar u ix-xtut chienu donnhom jakbdu bid-daŭl ta' l'elettricu u gas-sijet. Cômpla *is-search light* ta' gifen grieg. Il *Golly* sab ruħu mdaŭŭar b'mijiet ta' dgħajjes u laneċ mimlijin bin-nies, li iċċapċap idejjha u tgħajjat *Viva San Frangisc Saverju!* għaliex ankas biss taf chif takbad turih kalbha għal'i għamel magħna f'daŭn it-tmien tijiem li baka' Malta. U fil ŭakt li il kniepel idokku u il vapuri isafru, id-dgħajjes ŭasslu *il-Lubjana* sa barra il port, u in-nies tħabbat idejjha minn fuk l'isŭar, collha miżgħudin biehom.



R. Ellis Photo

IT-TRASLAZZJONI TA' L' ID MILL GISUITI GHAL SAN GIUANN

U chif, x'ħin tara din il fidi mixgħula bl'imħabba f'kalb il Maltin, tista' ma tmurx b'moħħoc fis-ŭar mibnijin minn La Vallette, ŭara l'Assedju il Cbir ta' l'1565 (tliettax il sena fuk il meŭt ta' San Frangisc Saverju) u ma tgħidx: Ħadd, le ħadd ma jekirdilna it-tŭemmin innisrani, li nafuh lil San Paŭl Missierna u reġgħet issa għall ħniena t'Alla ŭettkitulna f'ruħna ir-Reliqŭja mkaddsa ta' San Frangisc Saverju!

* * *

U il-*Lubjana* bakgħet sejra lejn Skallija u ntilfet fid-dlam tal-lejl, u ŭaka' is-schiet fuk culħadd; imma ruħna bakgħet imŭettka bil gid li għamlitilna iż-żjara ta' din ir-Reliqŭja imkaddsa ta' San Frangisc Saverju. Icun dejjem imbierec Alla u mbierec it-tŭemmin ta' missierijietna!

# IS-SAHRA

## MADŬAR ID-DRIEGH IMKADDES TA' SAN FRANGISCU SAVERJU

### FIL-LEJL TAT-30 TA' MEJJU 1924

### FIS-SIMINARJU TAL FURJANA

Chien tasseŭ dan lejl ta' hena tar-ruħ, ta' ferħ ħiemed u sħieħ, lejl li ma jintesa katt.

Sal għaxra il Cappella, mżejna mill' actar, intliet bil mistednin, fosthom xi kraba morda tas-Siminaristi, oħrajn tkassmu mal curitur, u culħadd bla sabar, għandu seba' mitt sena biex jasal il ħin li tiġi, ħalli jatiha kima, ir-Reliqŭja għażiża, għalchemm ħadd ma chien jistennieha ħlief biċċa cbira ŭara nofs il-lejl.

Iżda Alla ried li id-Driegħ ta' San Frangiscu Saverju jgħaddi lejl sħieħ fis-Siminarju, il ħammiela ta' l'Appôstli talli gej, biex jista' iżjed fiehom jixgħel il ħeġġa u'l ħrara tiegħu għall gid li katt ma jintemm. Għaliex chienu għadhom ma dakkux il ħdax u cŭart, meta il ħsejjes tal *motor* u 'l għagħa tan-nies miġbura fuk it-taraġ, kuddiem il bieb ta' barra, ħabbru li chien ŭasal il mistenni.

Chif cull fejn mar, haŭn ucoll, mischin Patri Furci, ir-Rettur ta' San Alŭigi, ħtieġlu jissara u jitgħattan xi ftit, sa daħal ġos-Siminarju. Minnufih u bla għageb bdiet is-Sahra imkaddsa: is-Siminaristi, tnejn tnejn, bix-xemgħa f'idejhom, m'nofs il mistednin mixħutin għarcobtejhom, telku bla ħoss xejn purcissjoni mill Parlatorju għall Cappella ta' San Calcidonju, bid-Driegħ imkaddes f'dejn ir-Rettur, b'madŭaru is-Superjuri l'oħra u ŭarajh l'Iskof. Fil ħemda li ma bħalha il cant ta' l'*Iste Confessor*, hi u dieħla ir-Reliqŭja ġol Cappella, instama' ma' cullimchien, kiesu meŭġa ta' fŭieħa, u baka' sachemm l'Iskof, is-Siminaristi u xi żeŭġ morda biesu ir-Reliqŭja u culħadd mixħut għarcobtejh ħa il barca bieha.

Haŭn iżjed minn ŭieħed gieb kuddiem għainejh dac li chien jiġri fost l'eŭlenin insara fil catacombi, għaliex il Vici-Rettur kabad id-Driegħ imkaddes f'idejh u 'l purcissjoni mxiet ŭeħidha ma' tul il curituri u 't-turġien ta' San Calcidonju, ŭakt li mil bogħod raġa' nstama' jidŭi dac l'innu, u iżjed minn darba l'Appôstlu ta' l'Indi bierec dic id-Dar imkaddsa, fejn ma' tulec ja sena jingħalku il kassisin u l'insara biex jisimgħu il chelma t'Alla u isaffu ruħhom mill ħsara tad-dnub.

Chienet ir-Reliqŭja dieħla minn ġdid ġos-Siminarju, meta kabadha f'idejh Patri Briffa S.J. u, ŭara li bieha bierec xi Sorijiet Frangiscani u tal Carità, li chienu ilcoll miġbura għarcobtejhom fir-refitorju, beŭŭissilhom ŭaħda ŭaħda. Il purcissjoni reġgħet ŭara bdiet mixja u għaddiet u bierchet fejn jistudjaŭ u jilgħabu iż-żgħażagħ, li għada, pitgħada, icunu huma ucoll kassisin, imorru kalb ħuthom l'insara, biex bħal San Frangiscu Saverju jaħdmu, għal-l'imħabba t'Alla, għas-saħħa ta' l'erŭieħ. Imma issa l'iżjed li culħadd ħass u bla ma irid beda jibchi, għaliex issa il purcissjoni daħlet fil Cappella tas-Siminarju, tkassmet ħelu ħelu madŭar l'artal u 'd-Driegħ imkaddes beda ibierec lil culħadd.

Haŭn, ma nafx hux actar b'kalbu milli bi lsienu, tchellem Patri Briffa minn fuk il predella ta' l'artal; naf biss li għal dŭar nofs siegħa kabbadha seŭŭa il ħuggieġa fil klub ta' min chien k'ed jisimgħu jgħid fuk il ħruxija tat-tbatijiet li San Frangiscu Saverju ġarrab għal Gesù, fuk il cobor ta' kdusitu, ix-xogħol tiegħu bla kies għal Alla u għall'erŭieħ u fuk is-setgħa li bieha żejnu is sema li jagħmel l'acbar għeġubijiet. Għaraf sħieħ iħajjarna biex bħal l'Appôstlu ta' l'Indi nigħxu fit-tieba u bogħod minn cull ħażen, u ma satax jispiċċa aħjar milli jistedin'na biex inbusu id-Driegħ imkaddes. L'eŭŭel l'Iskof, imbgħad is-Superjuri u 's-Siminaristi, ŭarajhom il morda, fis-siggijiet ta' kuddiem, u'l mistednin l'oħra, bl'acbar ġabra u bl'ebda għageb, resku jatu il beŭsa, li fieha chienet tiġbor talba u ŭegħda kaŭŭija: talba li Alla jakta' xeŭkat kalbna ;



Photo by S.L. Cassar

**IR-RELIQUJA SEJRA GHAL FUK IL-*LORRY* GHALL PURCISSJONI**

ŭegħda li nŭieġbu chif imiss għall grazzja tiegħu.

Tabilħakk li, meta icun għal kalbec, iż-żmien itir mingħajr ma tarah, għaliex chif saret is-siegħa ma nduna ħadd. M'nissa, tmienja cull cŭarta, is-Siminaristi talbu għarcobtejhom kuddiem ir-Reliqŭja, sachemm spiċċat il Kuddiesa ta' Patri Briffa, li ħarget fis-sagħtejn, bħala thejjija għat-Tkarbina ; u l'armonju u 'l cant ta' sicŭit, taħt idejn is-Surmast Diacono, sŭeŭ mhux ftit, ħalli is-Sahra toħroġ chif imiss.

It-tlieta ma chienux fil bogħod, meta l'Iskof, bejn ir-Rettur u'l Prefett ta' l'istudji, daħal fil Cappella u mgħejjun minnhom beda il Kuddiesa. Ŭara il Vangelu dar lejn in-nies u bl'icbar ħerka tchellem fuk San Frangiscu Saverju. Għażel fuk collox tnejn mill virtujiet ta' l'Appôstlu ta' l'Indi; ŭera l'eŭŭelnett chemm u chif dan il Kaddis cbir għaraf jinħall mill ħŭejjeġ tad-dinja, jixħet taħt riġlejh il hena, il għana u'l cobor collu tagħha, biex jintrabat mal ħŭejjeġ tas sema u jgħix u jaħdem dejjem għal Alla; mbgħad għadda jitchellem fuk l'ubbidjenza tal għageb li bieha gib ruħu f'ħajtu collha lejn missieru Sant'Innazju u lejn cull min chien fuku. Dan l'iżjed li xtak inissel fil klub tgħorja ta' uliedu il għeżież is-Siminaristi, biex, meta jasal iż-żmien, icunu jistgħu jagħmlu xi gid fil kasam ta' Cristu ; dan ried li icun il frott tas-Sahra mkaddsa.

Miġbura f'da 'l ħsieb biss, culħadd talab bil ħrara, sa ma ŭasal il ħin tat-Tkarbin, meta mhux inkas minn mitejn ruħ resku jilkgħu geŭŭa sidirhom lil Gesù, u lilhom, bħala tifchira ta' da 'l-lejl tal genna, chienet mogħtija santa, minsusa mad-Driegħ imbierek, bix-xbieha ta' San Frangiscu Saverju u ŭarajha scrizzjoni.

Ŭara li l'Iskof ta' il Barca bis-Santîssmu, cômpla ħiereġ, ŭaħda ŭara l'oħra, il Kuddies, u ma' tul da'l ħin ħadd ma għejja jitlob, ħadd ma kabdu in-ngħas, imma culħadd xtak chiecu jibka' hemm.

Iżda, chif jgħaddi collox fid-dinja, hecc għadda ucoll dac il-lejl ta' hena minn fuk is-Siminarju. Għal ħamsa niekes cŭart, is-Siminaristi ħadu l'aħħar barca bir-Reliqŭja minn idejn ir-Rettur u, di 'd-darba, fuk kalbhom imxeŭ tnejn tnejn biex iŭasslu sal bieb Id-Driegħ imkaddes; iżda le ħalleŭha toħroġ, kabel ma reġgħet darb'oħra bierchet lilhom u lis-Siminarju.

Għadda dac il-lejl, iżda katt u katt ma tgħaddi il għaxka li ħalla fir-ruħ; mhux biss għax għandna x'ichellimna dejjem fuku, jeŭ għax fil Cappella sejra titŭaħħal irħama bħala tifchira, imma fuk collox, għaliex, chif Alla ried li fostna nilkgħu Driegħ San Frangiscu Saverju, hecc, nittamau, iżomm fina dejjem takbad il ħuggieġa mixgħula mill' Appôstlu ta' l'Indi.

# CUMITAT TAL FESTI

għall Migja f'Malta tad-Driegħ miraculuż ta' San Frangisc Saverju, Appôstlu ta' l'Indi

Onor. Mons. Can. P. Galea, *President*
Avv. F. Pullicino, *Teżorier,*
Is-Sur A. E. Camilleri, *Segretarju*

*Membri*

Onor. F. Buhagiar LL.D., *Prim Ministru*
,, A. Mercieca LL.D., *President tal Krati*
Mons. Can. Cant. G. B. Buhagiar
,, ,, L. Farrugia LL.D., *Prelat Domest.*
,, ,, L. M. Camilleri, *Camer. Seg.*
P. V. Furci S.J., *Rettur tal Culleġġ «S. Alŭigi»*
Arcipr. S. Milanesi
Dun A. Bonnici, *Ceremonier ta' l'Iskof*
,, E. Ceravolo
Marchiż G. Scicluna
Onor. Com. A. M. Galea
Avv. A. Prof. Bartolo
,, A. Magri
Is-Sur J. Ellis

*Lista tas-Sinjuri li silfu minn rajjhom l' aŭtomôbbli lill Cumitat għall mistednin biex iŭasslu id-Drieġħ Imkaddes mid-Dŭana sal Gisŭiti*

| | | |
|---|---|---|
| Rosario Merola | 7 | aŭtomôbbli |
| Flli. Vella—Athlone Hotel—Sliema | 5 | ,, |
| Muscat & Soldato—Valletta Garage | 5 | ,, |
| Vella Giuseppe—Sliema Garage | 3 | ,, |
| Rosario Dimech—Għar id-Dud Garage | 2 | ,, |
| Mamo Brothers Ltd.—Valletta | 3 | ,, |

Sigr. Paolo Bianchi—Valletta
,, De Gaetani—Sliema
Capt. Samut—Sliema
Bar. Ignazio Testaferrata Bonici—Sliema
Col. Francia—Valletta
Avv. Alfredo Borg—Valletta
Sigr. La Pira—Valletta
,, Charly Galea—Imperial Hotel—Sliema
,, Galea—Savoy Hotel—Sliema
Sigra. Ved. Apap—Valletta
Dr. Edgard Azzopardi—Sliema
Sigr. C. V. Borda—Sliema
,, C. B. Borda—Floriana
,, Alfredo Gerada—Valletta
Flli. Mifsud—Valletta
Sigr. Giuseppe De Giorgio—Valletta
Sigr. Francesco De Giorgio—Valletta
,, Giuseppe Attard—Floriana
Mrs. Bidulph—Sliema
Col. Sir Edg. Bernard K.B.E..C.M.G.—Valletta
Mrs. Wood—Floriana
Onor. Zammit Hammet—Valletta
Sigr. Alfredo Muscat—Valletta
,, Schembri—Osborne Hotel—Valletta
,, Emanuele Schembri—Valletta
Dr. Emmanuele Said—Valletta
Sigr. Paolo Farrugia— ,,
,, Carmelo Bajada— ,,
,. Antonio Cassar Torreggiani—Valletta
Can. G. Bonanno—Senglea
Conte Sant Fournier—Valletta
Dr. Prof. Portelli Carbone—Valletta
Mrs. Lawson—Valletta
Flli. Farrugia— ,,
Cav. Cons. John Camilleri—Valletta
Sigr. Giuseppe Mallia Pulvirenti—Valletta
Cav. Luigi Mazzone—Valletta
Sigr. Alberto Mizzi P.L.—Valletta
Capt. Zammit Cutajar—Valletta
u oħrajn, li ma rnexxilniex incunu nafu isimhom.

# IL FESTI F'GHAŬDEX

## GHALL MIGJA TAD-DRIEGH TA' SAN FRANGISC SAVERJU

*Il Cumitat*

Ŭara ìttra, li l'Iskof chiteb lill Capîtlu tal Cattidral, dan iltaka', fil 11 ta' Mejju, biex jgħakkad Cumitat u għażel ll'Arcidjâcnu, Mons. L. Vella D.D., lill Penitenzier, Mons. Attard, u lil Mons. P. Cauchi, u daŭn, bis-sensja tal Capîtlu, għażlu ll'Arcipriet Mons. Hili, biex jirrapreżenta lill Cleru; il Magistrat L. A. Camilleri LL.D. u's-Sur W. C. Millard chienu magħżula biex jirrapreżentaŭ lill Casini, li tagħhom huma Presidenti.

*Thejjija*

Dlonc bdeŭ isiru il-lakgħat. Culħadd ħadem bil kalb u chemm felaħ. Cômpliet għakkdet il Pasturali ta' l' Iskof, li ħeġġ'get il Għaŭdxin collha jieħdu sehem fil festi bittalb, bil għati tal flus, bit-tiżjin; l'Iskof ôrdna ucoll lill Cleru collu ta' Għaŭdex biex jieħu sehem fil purcissjonijiet bir-Reliqŭja Imkaddsa. Mons. S. Attard ħa ħsieb iŭakkaf cappella provvisorja fi Strada Corsa, il-lum Corso Fortunato Mizzi, u jicteb tliet iscrizzjonijiet bil-latin; Mons. P. Cauchi ħa ħsieb jicteb u jistampa scrizzjonijiet żgħar bit-taljan u bil malti u manifesti religjużi, biex jitŭaħħlu fil cantunieri, u ħa f'idejh it-tiżjin tal Cattidral. Dun M. A. Grima ħa ħsieb li iżejjen il Corso Fortunato Mizzi. Il Membri collha tal Cumitat tħabtu sħieħ: telefonijiet għal Malta u għar-rħula, telegrammi għal Ruma, lill General tal Giżŭiti, biex itaŭŭal iż-żmien tal kagħda tar-Reliqŭja f'Għaŭdex, imma dan ŭiegeb : *dolentissimo non poter mutare itinerario Reliquia per ordini superiori*, u giri minn haŭn u minn hinn. Fi ftit żmien chien collox lest. Il pôplu chien imhejji bi priêdchi fuk San Frangiscu Saverju; saru Tridŭi ir-Rabat, iż-Żebbuġ u f'xi raħal ieħor; u hecc hu għamel mill'aħjar li sata' : santi, domni, cotba, itratti tal Kaddis inħatfu; kassis mir-Rabat, f' jum ŭieħed, irriscatta minn daŭn bi tletin lira.

*Tiżjin*

Mis-Sibt, 31 minn Mejju, il Corso Fortunato Mizzi chien imżejjen bi trufej, b'archi, collha ŭerak tal palm u tar-rand, b'armi u bi bnadar. U is-Sibt ucoll mal ħitan tal Belt tŭaħħal da'l Manifest, mictub minn min kiegħed jicteb issa:



Photo by J. Cassar, Hamrun

IL CAPPELLA PROVVISORJA *(GHAUDEX)*

GHAŬDXIN!
LL'APPÔSTLU TA' L'INDI
LILL ŬERREJ TAL FIDI TA' CRISTU
LILL HADDIEM IL MIRÂCLI
LIL
**FRANGISCU SAVERJU**
FIL ŬAKT LI IŻURCOM
KIMU GHOLLU SEBBHU
BIL ŬARD TRIEK GHAMLULU
LILU GRAZZI ITOLBU
BIEX
LILL FIDI TAGHCOM JIRFED
LILL MORDA TAGHCOM IFEJJAK
IŻJED LIL GŻIRITCOM JORBOT
MAR-RELIGJON TA' RUMA.

Strixxi b'iscrizzjonijiet żgħar tŭaħħlu bl'eluf mal ħitan tat-torok, fuk il bibien, fit-tŭieki, mal ħŭienet u mad-djar, li cont takra cullimchien: *Viva ir-Religjon ta' Missierijietna—Viva l-Appôstlu ta' l'Indi—Ghaŭdxin morda, ittamaŭ fi Frangiscu Saverju—Hu kiegħed il Kaŭŭa fi Drieghu.*

Il Hadd, l'1 ta' Ġunju, il gallarijiet u't-tŭieki collha tal Belt chienu mżejnin b'damasc, tapiti, ksari, ħxejjex, ŭard, itratti tal Kaddis imdaŭrin b'ghirlandi tar-rand, palm u ŭard u ctiba. Chien fieha, mbghad, x'tara tasseŭ it-triek Fortunato Mizzi, fejn ucoll il bnadar fuk il bjut sebbħu għall'aħħar. Il Cappella provvisorja bdiet tiżżejjen il Hadd u tcômpliet it-Tnejn, filgħodu cmieni.

Scrizzjonijiet, stampati bl' eluf il cbar, fuk carti ta' cull leŭn, bħalma: *Appôstlu ta' l'Indi, ekred il għedeŭŭa ta' Tŭemmin' na—Haddiem il mirâcli, fejjak lill morda tagħna—Int, li żort Gżiritna, bierec lil Għaŭdex collu*—niżlu bħal xita kaŭŭija, flimchien ma' ŭard, fuk ir-Reliqŭja, minn cull fejn għaddiet bil p rcissjoni, filgħodu u filgħaxija. Il Programm chien imkassam tajjeb ħafna: nsemmu minnu daŭn b.ss:

| | | |
|---|---|---|
| 6 | a.m. | —Ir-Reliqŭja tasal ix-Xatt. |
| 6.15 | „ „ | —Sbarc tagħha |
| 6.45 | „ „ | —Tluk għar-Rabat |
| 7 | „ „ | —Purcissjoni mill Cattidral għal Strada Corsa |
| 7.30 | „ „ | —Ir-Reliqŭja tasal ir-Rabat. |
| 8 | „ „ | —Traslazzjoni tar-Reliqŭja għall Cattidral |
| 8.30 | „ „ | —Dħul tal Purcissjoni geŭŭa il Cattidral |
| „ | „ „ | —Pellegrinaggi għall Cattidral |
| 3 | „ „ | —Purcissjoni sullenni |
| 6 | „ „ | —L'aħħar Barca bir-Reliqŭja fi Strada Corsa |

Għal da'l Programm Patri Furci kal: *Ben fatto e ben eseguito*: magħmul tajjeb u esegŭit tajjeb.

*Xniegħat*

Is-Sibt, filgħaxija, ġriet ix-xniegħa, li ir-Reliqŭja m'hix gejja Għaŭdex. Il Cumitat, meta ra li chienet għadha tiġri sal Ħadd fil 10 ta' filgħodu, dicment għamel telefon Malta lill President tal Krati A. Mercieca u, għall ħabta tas-sagħtejn u cŭart ta' ŭara nofs innhar, giet l'aħbar, li dic ix-xniegħa m'hix ta' min jati ŭieden għalieha. Iżda, għal ħabta tas-6 ta' filgħaxija, l' Ispettur ta' Guaŭdex âvza lill Cumitat li *ir-Reliqŭja m'hix gejja*. Fuk hecc il Cumitat inġabar ma' ħafna Arcipriet u Cappillani u xi seculari u ilcoll irħeŭlha għax-Xatt. Dgħajsa bil mutur telket biehom fid-9.30 ta' bil-lejl u ŭaslet fil 11.15, fil port ta' Malta, mnejn huma telku għall Culleġġ ta' Birchircara, fejn tchellmu mal Pruvincjal P. Rubino, mar-Rettur P. Furci u ma' patrijiet oħra. Il Cumitat sab li chien collox raġa' isseŭŭa: u'l Puluzija chellha titlak minn Malta fit-3 ta' filgħodu. Il Cumitat raġa' għal Għaŭdex, iżda kabel għamel telefon biex jiccŭieta lin-nies.

*Il-lakgħa fix-Xatt ta' Għaŭdex*

L'Iskof, bil Ministri sacri, Mons. L. Cordina u Mons. A. Debono, u'c-Cerimonier tiegħu Dun G. Zahra, għal ħabta tas-6.15 ta' filgħodu, chien k'ed ġa jistenna ix-Xatt flimchien mal Cumitat collu, li nagħkad mas-Sur A. Tonna, Cummissarju tal Gżira. Ix-Xatt chien għeġŭigija ŭaħda bin-nies tan-Nadur, il Kala u Għajnsielem: cullħadd ferħan, idur bil morda tiegħu, li daħħluhom fil Veranda. Għal ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu, tir ta' mâsclu ta is-sinjal li ir-Reliqŭja chienet korbot: id-dakk tal kniepel, it-tisfir tal vapur li chien hemm fil port, it-tixjir ta' l'imcatar, illeħħa tal għajnejn, il giri il haŭn u'l hinn, id-dgħajjes imżejna b' damasc u bandieri tal Papa u ta' Malta, li chienu jisgghiċċaŭ ħelu ħelu fuk meŭġ il baħar caħlieni, collox ŭera chemm il Għaŭdxin iħossu f'kalbhom għar-Religjon. Malli ir-Reliqŭja ŭaslet ix-Xatt, b'magħha il Patrijiet Giżŭiti Furci, Robinson u Mejlak, l'Iskof mar għal fuk id-dgħajsa bil mutur, flimchien mal Cumitat u'l Cummissarju Tonna, u fosti ċ-ċapcip ta' l'idejn, il għajjat ta' *Evviva l'Appôstlu ta' l'Indji*, ix-xħit tal ŭard, il cant ħelu tat-tfal ta' li Schejjel tal Gvern, li cantaŭ l'innu *Iste Confessor*, niżżel l-art ir-Reliqŭja, u, jimxi fuk it-tapiti u'l ŭerak tar-rand, daħal bieha geŭŭa il Veranda, fejn, fost l'akŭa devozzjoni, beŭŭisha lill pôplu u lill morda. Fis-6.45 a.m., il carrozza ta' l'Iskof, li magħha chien hemm bosta oħra, tal Cumitat u tan-nies, telket lejn ir-Rabat; il pôplu ried ineħħi iz-żŭiemel u jiġbed hu il car-

rozza ta' l'Iskof, imma il Cumitat ma ħalliehx, għax żmien ma chienx hemm. Kalb sparar, għaijat ta' ferħ, ċapcip ta' l'idejn u tixjir ta' bnadar il carrozza ta' l'Iskof telgħet tlebbet fuk il ŭerak tar-rand, mixħut fl'art, biex minn fuku jgħaddi ir-Rebbieħ tal Fidi Nisranija.

*Ix-Xeŭchja*

Hi u tiela' ir-Reliqŭja lejn ir-Rabat, għaddiet minn Strada San Bartolomeo tax-Xeŭchija, fejn, fil Pjazza tal Cnisja u' t-torok li minnhom għaddiet, saret turja ta' l'acbar ferħ u devozzjoni: sparar, damasc u tapiti fit-tŭieki u'l gallarijiet, trufej u bnadar fit-torok, rand ma' l'art, ċapcip ta' l'idejn li itarrax, hena fuk ŭiċċ cullħadd. L'Iskof ta il Barca bir-Reliqŭja fil Pjazza tal Cnisja.

*Id San Frangisc tasal ir-Rabat.*

Sa da 'l ħin il purcissjoni, li fieha ħadu sehem il fratelli tar-rħula, il patrijiet, il kassisin, il canônci, il cappillani u l'arcipricti ta' Għaŭdex collu flimchien mas-siminaristi, il cleru tal Belt Vittorja u' l-Capîtlu tal Cattidral, chienet niżlet fil Corso Fortunato Mizzi, biex tilka' ir-Reliqŭja ħdejn il Cappella provvisorja, li tŭakkfet fil porticu tal palazz ċchejchen tat-tabib Ettore Tabone, u chienet imżejna b'damasc, bellus, rand u ŭard u palm minsugin flimchien u iscrizzionijiet bil-latin, u f'nofsha artal irranġat chif jixrak. Min minn daŭc li chienu hemm jista' katt ifisser il ħeġġa tad-dimostrazzjoni li għamlu il Għaŭdxin ll'Id San Franciscu Saverju? Xita ta' ŭard u ta' carti żgħar b'iscrizzjonijiet, ċapcip ta' idejn, sparar ta' mâscli mill Castell, mortali ifakkgħu fl'ajru, tfal icantaŭ, tixjir ta' mcatar minn pôplu bla kies, mill gallarijiet, mit-tŭieki, minn fuk il bjut; cullimchien iseŭŭed bin-nies, culħadd jixxabbat biex jara; ebda gallarija jeŭ tieka bla mżejna bid-damasc u 'l cŭadru tal Kaddis imdaŭŭar b'ghirlandi ta' ŭard jeŭ tiżjin ieħor. Malli ŭakfet il carrozza ta' l'Iskof u l'oħrajn li geŭ ŭarajha, l'Iskof tala' fuk l'artal, mnejn ta il Barca bir-Reliqŭja lil dac il pôplu divot. Aħna nistgħu ingħidu li rajna nies jibcu bil ħerka tat-talb u 'l ferħ li nisslet fil klub di 'l migja mkaddsa ta' l'Id tal għageb, li għamdet il mijiet ta' l'eluf ta' pagani u ferket mirâcli bla għadd.

*Lejn il Cattidral*

Il ħlejjak cbar ta' nies, li chienu kegħdin jaraŭ il purcissjoni għaddejja minn Strada Corsa, Pjazza Reale u Salita Castello, ċapċpu idejhom, telgħu ŭard, talbu b'ħeġġa tal għageb, iffollaŭ, bla ma beżgħu mill pulizija, biex jaraŭ ir-Reliqŭja, isellmulha minn kalbhom, ibusuha mil bogħod. L'Iskof ŭera f'din l'occażżjoni ħeġġa tal għageb u ma għejja xejn. Malli il purcissjoni daħlet il Cattidral, l'Arcipriet Mons. A. M. Hili għamel priêdca fuk il migja f'Għaŭdex ta' l'Id Imkaddsa u fuk il ħidi li chellha tchebbsilna f'kalbna.

*Geŭŭa il Cattidral*

Ŭara li tcanta, bil mûżca, l'innu *Iste Confessor*, l'antifona u't-*Te Deum*, beda il beŭs tar-Reliqŭja, u aħna, li conna hemm, nafu ix-xmara ta' nies li resket, b'devozzjoni li tgħaggeb, li tislitlec id-dmugħ minn għajnec, biex tbus l'Id imkaddsa. Canônci tal Cattidral u tal Culleggjati, Cappillani, Cleru regulari u seculari, Fratelli, nsara resku, mit-tmienja u nofs sal għaxra, ibusu ir-Reliqŭja. Mill għaxra sal għaxra u nofs daħħluha geŭŭa is-Sagristija biex ibeŭsuha lill morda. Fuk dac li rajna u li smajna, fuk għomja li raŭ, miflugin li issaħħu, morda li fieku, ma beħsibniex nitħadtu għal-issa, kabel ma tidħaddet fukhom l'Aŭtorità tal Cnisja, chif imur minnu. Għal ħabta tal għaxra u nofs, ir-Reliqŭja niżżluha mill Cattidral u, ŭara li ħaduha għand xi morda u oħrajn, bakgħu sejrin bieha il Conservatorju Vescovili.

*Il Purcissjoni ta' filgħaxija*

Il Purcissjoni ta' filgħaxija għaddiet minn Salita Castello, Piazza Reale, Strada Mercato u ŭakfet fuk il Bieb ta' San Ġorġ, cômpliet minn Strada S. Giuseppe, reġgħet għall Piazza Reale, daħlet fi Strada S. Sabina, Piazza Santa Sabina u ŭakfet fil Cnisja ta' Savina, cômpliet minn Strada S. Maria, Sda. Biblioteca, Piazza Tomba, Piazza S· Agostino u ŭakfet fil Cnisja ta' Santu Ŭistin, cômpliet minn Strada Vairingia, Piazza San Francesco u daħlet li Sptar u fil Cnisja ta' San Frangisc, cômpliet minn Strada Palma u daħlet għand is-Sorijiet Frangiscani, cômpliet minn Strada Nuova, Piazza Reale, Corso Fort. Mizzi u ŭaslet fil Cappella provvisorja. Mill Bieb ta' San Ġorġ, ta' S. Sabina, ta' Santu Ŭistin, geŭŭa li Sptar, għand is-Sorijiet Frangiscani u bosta bnadi oħra ntagħtat il Barca bir-Reliqŭja, chif ucoll mill Cappella provvisorja. It-torok u'l pjazez, li minnhom għaddiet il purcissjoni, chienu imżejna b'damasc, bnadar, iscrizzjonijiet u ħaxix; minnhom intefgħu carti b'iscrizzjonijiet żgħar ta' tifħir lill Kaddis u ŭard bir-rfus; minnhom in-nies ċapċpet bil ħerka, bieset ir-Reliqŭja u messet magħha bosta ħŭejjeġ tad-devozzjoni. Chellhom raġun isejħulha di'l purcissjoni : *il vero trionfo della Fede—l'apoteosi del Santo.* Chiecu il festi ta' din l'Id imkaddsa ma chienux f'ħaġ'oħra ħlief fil purcissjoni ta' filgħaxija, il pôplu għaŭdxi chien jibka' sudd'sfatt. Meta ŭaslu fil Cappella provvisorja u l'Iskof ta il Barca bir-Reliqŭja u din giet biex titlak għax-Xatt, instama' ċapcip, sparar u għajjat kaŭŭi. L'Iskof u'l Cumitat niżlu ix-Xatt, intagħtat l'aħħar Barca bir-Reliqŭja, li ħaduha fuk il vapur *Golly*, li fis-6.30 p.m. telak lejn Malta. *Prosit* lil culħadd.

Mons. D. Paŭl Cauchi

# MIRÂCLI U GRAZZI

Smajna u rajna ħafna għeġubijiet mid-Driegħ miraculus ta' San Frangisc Saverju fil ġranet li dam fostna; iżda f' ħaġa bħal din il Cnisja timxi ŭisk bil kajla, u għalhecc mhux għalchemm ingħidu mirâcli u grazzi. B'dan collu nsemmu xi casi, chif għarafniehom aħna, fil ħin li nħallu li takta' fukhom il Cnisja. Huma:

1. Tifla magħtuba, mill Belt, bdiet timxi, hecc chif bieset ir-Reliqŭja;

2. Tifla oħra ċonga, mill Birgu, sabet driegħha meħlus;

3. Soru tal *Piccole Suore*, li chienet ilha marida sena u xhar bis-sinsla ta' dharha u ma chenitx tista' titkankal, kabdet timxi, bħallichiecu katt ma chellha xejn, hecc chif bieset id-Driegħ imkaddes;

4. Ragel magħtub, l' Imghieret, telak il crozzi u mexa mingħajrhom ŭara ir-Reliqŭja;

5. Seftura, truxa minn ħames snin, bdiet tisma'; u bosta oħrajn.

Chif għandna neħduhom daŭn ?

Minn għalina neħduhom bħala xiehda tat-tieba li riet juri magħna San Frangisc Saverju; u niżżuh ħajr bil kalb annom tagħna u ta' culħadd. Għal darba oħra ngħajtu: *Viva San Frangisc Saverju ! Viva ir-Religjon tagħna !* Ħajr lil Mons. Iskof, lill Cumitat, lill Patrijiet Giżŭiti, lil cull minn jistħokklu !